**16 ta' Mejju, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Abela

*versus*

John Zammit

**Azzjoni Rivendikatorja — Elementi — Pussess — Prova — Art. 358 u 359 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Rekwiżiti għall-eżerċizzju tal-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa minnu akkwistata leġittimament, u li l-konvenut ikun qiegħed jippossjediha.*

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament defensjonali preżelt mill-konvenut; inkwantokkè, jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu, u jekk ma*

*jilhaqx din il-prova jissokkombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk, għall-kuntrarju, huwa jittrinċera ruħu wara l-barriera tal-pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu, u huwa, anki jekk ma jippruvax it-titolu tal-pussess, iżda jiddimostra l-mankanza ta' titolu tal-attur, għandu jissuċċiedi fl-eċċezzjoni tiegħu.*

*U biex l-attur jista' jipproponi din l-azzjoni b'suċċess, mhux biżżejjed li hu jeżibixxi titolu ta' akkwist kwalunkwe, iżda jrid jipprova li l-oġġett rivendikat ikun għadda għandu min għand min huwa suppost li kellu dan l-istess dritt.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-konvenut bena opra morta li biha pprivà lill-istanti mill-pussess tal-bejt taż-żewġ kmamar retroposti għar-remissa numru 305 Main Street, Żebbuġ, liema remissa u żewġ kmamar jiffurmaw parti mid-dar numru 303 fl-istess trieq; u billi l-bejt ta' dawk iż-żewġ kmamar huwa tal-istanti u jifforma parti mid-dar tiegħu numru 306 fl-istess trieq; talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż illi l-bejt taż-żewġ kmamar fuq imsemmija huwa tal-instanti; (2) u l-konvenut ikun kundannat li fi żmien perentorju jneħħi l-opra morta li għamel u jħalli dan il-bejt fl-istat pristinu, u fin-nuqqas l-instanti jkun awtorizzat jagħmel huwa stess ix-xogħol meħtieġ biex ineħħi l-opra morta a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-24 ta' Settembru 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-att promotorju tal-ġudizzju jidher li mill-fatti rappreżentati mill-instanti huwa qiegħed iġib il-quddiem l-azzjoni rivendikatorja, li hija bażata fuq l-art. 358 u 359 tal-Kodiċi Ċivili, u li l-prinċipji tagħha jistgħu jiġu riskontrati fil-fonti tad-Dritt (ara L. 36, 27, 23, 9, 36 Digestum, "de rei vindicatione");

Din l-azzjoni, li hija l-prinċipali li titnissel mid-dritt tal-proprijetà, titwieled mid-dominju jew proprijetà li wie-

ħed jkollu fuq il-ħwejjeġ privati, u li per mezz tagħha l-proprijetarju li jkun tilef il-pussess tal-istess ħaġa jiġi l-quddiem ġudizzjarjament biex jirreklamaħ u jirrivendikaħ kontra min ikun jinstab li għandu l-pussess tal-ħaġa, u jitlob il-kundanna għar-restituzzjoni tagħha;

In kwantu din l-azzjoni titnissel minn dritt reali li bniedem ikollu fuq il-ħaġa, u ċjoè in kwantu hija derivattiva mill-istess dritt tal-proprijetà, l-istess hija reali; eppure xi drabi jkollha konklużjonijiet personali, li jitwieldu minn xi obligazzjonijiet li l-possessur tal-ħaġa rivendikata jkun daħal għalihom relattivament għall-istess ħaġa versu r-rivendikanti;

Oġġett ta' din l-azzjoni jistgħu jkunu sew l-oġġetti mobili sew l-oġġetti immobili, kif jista' jidher ċar mid-Dritt Komuni (ara L. 1, 1, Dig. "de rei vindicat."), ta' indoli privat u partikulari (u mhux ċertament l-universalità talbeni), bħal ma huma dar jew fondi u oġġetti oħra partikulari, mhux eskluża l-universalità ta' ħwejjeġ, bħal mandra ta' annimali u bhejjem simili;

Jingħad ukoll li din l-azzjoni tappartjeni u tispetta lil min ikollu l-proprijetà tal-ħaġa rivendikata, u biss minnu tista' tiġi mitluba r-rivendikazzjoni (ara L. 23 Dig. "de rei vindicatione"). Minn liema prinċipju jitnissel li l-kumpratur ta' ħaġa, sakemm l-istess ma tiġix lilu kunsinnata korporalment, mhux ammissibbli li jirrivendikaha, l-għaliex bla kunsinna ma jkunx għadu akkwista d-dominju ta' proprijetà tagħha (L. 50 ibidem). Ta' min hawn josserva, però, li d-dominju jista' ma jkunx perfett u jkun revokabbli, bħal fil-każ meta jkun suġġett għal xi kondizzjoni, jew anki ma jkunx dominju pjen, bħal fil-każ ta' dritt ta' użufrutt; imma fiż-żewġ kontinġenzi fuq imsemmija, sakemm sew il-kondizzjoni ma tavverax ruħha, sew meta l-użufrutt ikun għadu jaggrava l-proprijetà, id-dritt tar-rivendika f'min għandu fih radikat id-dritt tad-dominju jagħtieh il-"jus" li jippersegwi u jmexxi din l-azzjoni. Fl-ewwel ipotesi sottomessa però, jekk il-kondizzjoni tavvera ruħha qabel l-eżerċizzju tal-azzjoni "in parola", din allura ma tkunx aktar sostenibbli, għar-raġuni ġuridika li b'dak l-avverament ikun jonqos fil-persuna aġenti, jew li setgħet taġixxi qabel

l-istess avverament, id-dritt tad-dominju u l-"jus persequendi in judicio";

Fl-aħħarnett, jingħad li din l-azzjoni tista' tiġi promossa mill-proprijetarju li jkun tilef il-pussess tal-ħaġa kontra l-persuna li tkun qegħdha tippossjedi l-istess ħaġa; kif ukoll mhux ozjus li jingħad li, jekk huwa minnu li min jista' jippromwovi l-azzjoni jista' jipprova d-dominju tiegħu per mezz ta' preżunzjonijiet u konġetturi, speċjalment jekk il-każ ikun jinvolvi u jikkonċerni dominju antik ħafna, mill-banda l-oħra huwa nċivili li jiġu ammessi preżunzjonijiet u konġetturi meta l-aġenti jew promwoventi tal-azzjoni "de qua" jkun qiegħed jirradikaha fuq titolu miktub, li jirrifletti l-konvenzjoni jew rapport ġuridiku ntervenut;

Illi minn dan jitnissel illi r-rekwiżiti meħtieġa għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni, li fuqha qiegħed isir diskors, huma:— 1. Li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa minnu akkwistata leġittimament; 2. li l-konvenut ikun qiegħed jippossjediha (ara Cecchi, Azioni Forensi, Parte II, paġ. 4 u ta' wara);

Ikkunsidrat;

Illi għall-azzjoni in rivendika promossa mill-instanti l-konvenut jista' jopponi eċċezzjonijiet molteplici, li hawn mhux il-post adatt li jiġu minn din il-Qorti, lanqas dimostrattivament enumerati. Qabel, però, ma din il-Qorti tgħaddi ulterjorment biex tispjega l-elementi tal-azzjoni, tħoss li għall-finijiet tar-regolament tal-provi u min għandu jagħmilhom huwa mportanti li jiġi valjat u eżaminat l-atteġġjament defensjonali prexelt mill-konvenut; l-għaliex, jekk l-istess ċitat jagħżel spontaneament li għall-azzjoni attriċi jeċċepixxi d-dritt ta' proprijetà, huwa jkun qiegħed implicitament jirrikonoxxi d-dominju jew titolu tal-attur, iżda jkun qiegħed jgħid li t-titolu tiegħu huwa aktar validu, u kwindi, skond ir-regoli probatorji, "reus in excipiendo fit actor", din id-difiża timporta li l-konvenut jgħaddi għall-provi tat-titolu tiegħu, u jekk ma jirnexxix fil-meritu, ikollha tipprevali l-massima "melius est non habere titulum quam habere vitiosum". Mill-banda l-oħra,

jekk il-konvenut jittrinċera ruħu wara l-barriera tal-pussess, ikun jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu; u l-konvenut, anki jekk ma jiġġustifikax it-titolu tal-pussess, imma jiddimostra l-mankanza ta' dritt tal-attur, għandu jissuċċiedi fl-eċċezzjoni;

Illi, premess dan li fuq intqal, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina l-eċċezzjoni konvenuta. F'dan l-eżami ma hemmx għalfejn jingħad li d-dikjarazzjoni konvenuta tista' tgħin, l-għaliex l-istess hija spjegattiva tal-fatti li fuqhom huwa bażat id-dritt reklamat. Issa, huwa minnu li, jekk tiġi rigwardata l-eċċezzjoni bla dikjarazzjoni, bniedem jista' jiġi żvijat, l-għaliex jingħad li l-infondatezza tad-domandi attriċi hija radikata fuq il-fatt, mhux negat mill-instanti, li l-kmamar li fuqhom hemm il-bjut in kwistjoni huma tal-konvenut, u kwindi anki l-istess bjut huma tal-konvenut. Imma, rigwardata l-eċċezzjoni fid-dawl tal-fatti esposti fid-dikjarazzjoni, fejn jingħad li l-istess bjut ilhom aktar minn sittin (60) sena għand l-esponent, u qatt ma kienu tal-attur jew tal-awturi tiegħu, u li l-konvenut ħa dejjem ħsieb ir-riparazzjoni tagħhom, anki qabel l-ispostament tal-ħajt, kif jirriżulta mill-provi, l-eċċezzjoni konvenuta tassumi pjuttost aspet ta' reklam ta' pussess anzikkè dak ta' dritt ta' proprijetà, apparti l-pretiża li, ladarba kienu jiġu fuq il-kmamar ta' proprijetà tal-konvenut kif jammetti l-instanti, ergo anki huma għandhom ikunu hekk ta' proprijetà tal-konvenut. Fi kliem ieħor, il-konvenut qiegħed jippreżumi fatt ġuridiku minn żewġ fatti materjali, u ċjoè is-sovrappożizzjoni u l-pussess għal żmien twil;

Illi kwindi l-eċċezzjoni konvenuta timporta anki pretiża ta' pussess; u huwa għalhekk dmir l-attur jipprova d-dominju tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi mill-ewwel element ta' din l-azzjoni jitnissel prinċipju elementari tad-Dritt li ma jistgħax jiġi diskonoxxut, u ċjoè li, biex rivendikanti jkun jista' bi profitt jaġixxi blazzjoni "de qua", mhux biżżejjed li jiġi minnu eżibit titolu ta' akkwist kwalunkwe, iżda jrid jipprova li l-oġġett rivendikat ikun għadda għandu minn għand min huwa suppost

li kellu dan l-istess dritt, in omaġġ għall-prinċipju li "nemo plus in alium transferre potest quam ipse habet" u dan speċjalment meta l-awtur tal-attur ikollu titolu derivattiv; u dan għall-prinċipju ta' raġuni illi, kieku ma kienx hekk, persuna kwalunkwe kienet tista' tittrasferixxi ħaġa mhux tagħha lill-atturi in rivendikazzjoni, u dawn l-aħħar, in forza ta' dak it-trasferiment legali formalistikament magħmul, kienu jkunu jistgħu jiddisturbaw it-trankwillità ta' kwalunkwe possessur tal-ħaġa mpunement; u anki għar-raġuni ġuridika li fil-liġi ma teżistix ebda preżunzjoni, assoluta o meno, fis-sens li min ibiegħ ħaġa huwa tabilfors il-proprijetarju tal-ħaġa li jkun biegħ;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din *il-Qorti*, jingħad ukoll li, għalkemm fis-sens ġenerali l-kumpratur għandu d-dritt li jirrivendika anki parti aċċessorja ta' ħaġa mixtrija, li minn terzi persuni bla titolu tkun ġiet użurpata, huwa ukoll minnu, sew legalment sew naturalment, li, jekk dik il-parti tal-ħaġa ma tkunx neċessarjament parti ntegrali tagħha, jew *li naturalment tingħad* aċċessorja tal-prinċipali, il-fatt li dik l-istess parti ta' natura, biex hekk tissejjaħ, straordinarjament u aċċidentalment tagħmel magħha, b'mod li l-unità tal-oġġett prinċipali tibqa' sħieħa anki mingħajrha, ma tissemmiex fil-kuntratt tal-akkwist, il-kumpratur isib ruħu nċeppat dwar l-azzjoni ta' rivendika dwarha, l-għaliex ma jkunx, taħt iċ-ċirkustanzi ta' fatt *sottomessi, jista' jgħid u jsostni bi profitt li huwa akkwista* d-dominju tagħha. l-għaliex tkun ġiet eskluża mill-oġġett tal-kuntratt meta kellha partikularment tkun inkluża; u jekk tkun posseduta minn estraneu preċedentement għall-kuntratt, tibqa' għandu "in possessione";

Ikkunsidrat;

Illi, premess dan li fuq intqal, jingħad li fil-fatt il-pretensjoni tal-instanti hija li l-konvenut ipprivah mill-pussess tal-arja tal-bjut taż-żewġ kmamar retroposti għar-remissa numru 305 Main Street. Żebbuġ, liema remissa u żewġ kmamar, għalkemm jiffurmaw, partikularment dawn l-aħħar żewġ kmamar *li fuqhom hemm l-arja tal-bjut in* kwistjoni, parti mid-dar numru 303 fl-istess trieq u raħal, ta' proprijetà tal-konvenut, skond l-attur l-istess arja ta'

dawk il-kmamar kienet ġiet minnu akkwistata, l-għaliex l-istess kienet tifforma parti tad-dar numru 306 Main Street, Żebbuġ, li huwa kien akkwista;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ma jiddiskonoxxix li meta, għall-ħabta tal-annu 1939, xtara l-post tiegħu, iż-żewġt ibjut in kwisjtoni jew aħjar l-arja tagħhom, kienet fil-pussess tal-konvenut, u li fl-att tal-akkwist minnu kuntratt mal-awtriċi tiegħu l-proprijetà tal-arja ta' dawk iż-żewġt ibjut, sovrapposta fuq il-proprijetà tal-konvenut, lanqas ma ġiet imsemmija;

Illi huwa wkoll aċċertat li fl-att ta' enfitewsi tat-23 ta' Awissu 1898 in atti Chierico Giuseppe Rossi fol. 57, u l-pjanta annessa mal-istess att, fol. 63, konċernenti l-konċessjoni enfitewtika tal-fond in kwistjoni, dawk l-istess bjut, jew arja tagħhom, ma jissemmewx u ma jidhrux fil-pjanta annessa mal-istess att; anzi f'dak l-istess trasferiment, fid-diċitura tal-konfini fir-rapport tal-perit anness mal-att tal-enfitewsi, il-fond enfitewtiku jidher mill-punent u in parti mit-tramuntana konfinanti ma' beni tan-negozjant Giuseppe Zammit, missier il-konvenut;

Illi kif huwa risaput fid-dottrina u anki fil-ġurisprudenza "in subjecta materia", min jaġixxi bl-azzjoni rivendikatorja mhux biżżejjed li jkollu favur tiegħu titolu li jkun abbli illi jittrasferixxi l-proprijetà (dak li l-attur fil-każ in diżamina lanqas għandu dwar l-arja tal-kmamar in kwistjoni, kif huwa stess ammetta), imma jrid ikollu, f'każ bħal dak taħt eżami, ukoll il-prova li l-aljenanti tiegħu, ċjoè l-awtur jew awturi tiegħu, kellhom id-dritt li jittrasferixxu dik id-determinata proprijetà — dak li huwa eskluż fil-każ preżenti mill-konsaput att Rossi tal-1898 fuq ċitat;

Illi kwindi, anki jekk il-konvenut qiegħed jiddetjeni illegalment l-arja ta' dawk il-bjut, liema detenzjoni ma ġietx vjolentement meħuda minn għand l-instanti jew l-awturi tiegħu, li qatt ma kellhom il-pussess ċivili tagħha, għandha tipprevali l-pożizzjoni ġuridika tal-konvenut, li

qiegħed jippossjediha. Del resto, il-prova tal-użurpazzjoni tal-konvenut weħedha, bla ma jkun hemm il-prova kumulattiva tal-proprijetà leġittima fl-instanti u l-awturi tiegħu, ma hija ta' ebda ġjovament għall-azzjoni eżerċitata;

Illi subordinatament jingħad li, anki kieku wieħed ma kellux jaqbel mal-portata ġuridika tad-difiża tal-konvenut, u probatorjament jinverti l-provi, il-konsegwenza li għaliha t-tribunal jista' jasal mhix konformi mal-loġika u l-ġustizzja sostanzjali; l-għaliex, riġettata t-teżi konvenuta u rikonoxxut id-dritt tal-instanti, ir-riżultat ikun jimporta rikonjizzjoni ta' dritt fl-instanti li skond id-dokumenti eżibiti jidher li ma għandux, l-għaliex ma kellhomx dak l-istess dritt l-awturi tiegħu li minnhom suppost li jitnissel id-dritt tiegħu għall-arja tal-konsaputi kmamar. Fi kliem ieħor, din is-soluzzjoni b'konsegwenzi inċivili tammonta għal sottrazzjoni tal-arja minn għand l-illeġittimu possessur sabiex tiġi mogħtija lil persuna li mhijiex proprjetarja tagħha — dak li din il-Qorti ma tħossiex li tista' tissanzjona;

Illi kwindi, in vista ta' dawn il-konsiderandi, l-azzjoni attriċi ma tistgħax tiġi ntrattenuta bil-favur;

Għalhekk tiċħadha; bl-ispejjeż għall-attur.